**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2018**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 556/2017**

**Deborah Gaffiero**

**vs**

**L-Avukat Generali u Andrea Stellato**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-22 ta' Gunju, 2017 li jghid hekk:

1. Qieghda naghmel din il-kawza biex nikkontesta id-digriet moghti mill-Qorti Clvili, Sezzjoni tal-Familja, fiI-kawza fl-ismiiiet Deborah Gaffiero vs Andrea Stellato. illi ghandha in-numru 12/16AL, liema digriet inghata fis-17 ta' Mejju,2017. IIIi dan id-digriet inghata wara illi l-Agenzija Appogg ghamlet rapport fejn issugerit illi t-tifel minuri jkun jista' jarah il-missier minghajr l-ebda supervizjoni meta qabel kien hemm ordni ta' supervizjoni.
2. Din is-supervizjoni, skont l-attricl hija necessarja u ghadha necessarja, ghaliex skond kliem it- tifel kien hemm drabi illi minhabba fihom inbniet inkjesta magisterjali fuq abbuz tal-minuri Ii ghandha ma hijiex konkluza.
3. lndipendentement minn dan il-fatt pero, Ii jista' jmiss il-mertu, hemm vjolazzjoni tal-ligi tal-procedura civili illi hija tassattiva u hija ordni pubbliku. L·Agenzija Appog ma giet bla ebda mod quddiem il-Qorti u tikkonferma r-rapport taghha. lmma lanqas huwa bizzejjed Ii jigi xi hadd jixhed "nomine" imma jrid ikun hu Ii fil-fatt ikkonstata dak Ii jkun hemm fir-rapport, u dan bil-gurament.
4. L-Agenzija Appogg hija anonima u ma jinghadx min ghamel it-tali rapport imbaghad avukata tipprezenta l-istess rapport ghan-nom tal-Agenzija.
5. llli jekk dawn huma esperti, tapplika l-ligi dwar l-esperti, illi dawn iridu jikkonfermaw quddiem il-partijiet u jkollhom l-opportunita tal-kontroezami.

6. Illi barra minn hekk, skond il-ligi tal-procedura, iridu jkunu semghu liz-zewg nahat u fil-kaz tal-minuri jisimghu wkoll l-istess minuri u f'dan kaz bil-procedura stabbilita b'ligi, illi jinstema' mill-istess avukat tat-tfal.
7. Illi l-Agenzija Appogg ma ghandhiex delega mill-Kostituzzjoni jew mill-ligi tal-procedura, kemm il-ligi genarali tal-Kap. 12 u kemm ir-regolamenti illi saru dwar il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) illi l-Agenzija tiddeciedi unilateralment minghajr ma jigu osservati il-principji stabbilti ghal finijiet tal-process gust u ekwu u li jkun kontrollat u mhux arbitrarju.

Ghaldaqstant, l-esponenti kellha taghmel din il-kawza.

Kawzali
Peress illi bid-digriet moghti fis-17 ta' Mejju, :2017 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza numru 12/2016AL fl-ismijiet Deborah Gaffiero vs Andrea Stellato, approvat rapport tal-Agenzija Appogg mhux mahluf u bla ebda opportunita li jkun hemm kontroezami ta' min ghamel ir-rapport li huma fil-fatt anonimu, u ma gewx osservati r-regoli tal-procedura u li huma tassattivi, u jorbtu kull procediment quddiem Qorti ta' kompetenza civili.

Peress li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha kompetenza li tikkassa proceduri fejn ma hemmx dritt ta' appell minhabba vjolazzjoni tal-ligi.

Talbiet
Jghid il-konvenut ghala din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddikjara li d-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Mejju, 2017 fil-kawza fl-ismijiet Deborah Gaffiero vs Andrea Stellato, illi ghandha in-numru 12/16AL, jivvola diversi regoli tal-Kap. 12, u dan minhabba r-rapport tal-Agenzija Appogg, u konsegwentement tirrevoka l-istess digriet ghar-ragunijiet permessi u ghal kwalunkwe raguni ohra illi tlrrizulta.

L-ispejjez kontra l-konvenut ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Andrea Stillato li tghid hekk:

1. Illi primarjament I-esponenti jirrileva li ir-rikors guramentat huwa null stante li kemm il-kopja li giet nnotifikata lil-esponenti kif ukoll il-kopja originali li qieghda fil-process mhiex iffirmata minn avukat izda mill-Prokuratur Legali biss u ghalhekk dan ghandu jigi ddikjarat null;

2. IIli bla pregudizzju ghal permess, I-esponenti jissottometti illi r-r-rikorrenti ma ddikjaratx taht liema artikolu qes isejjes il-proceduri istanti u t-talba hija wisq generika u ma tistax tirnexxi fil-mod illi giet intavolata. Ghaldaqstant l-esponenti huwa tal-umli fehma li dan ghandu jigi ddikjarat minnufih salv pero illi I-esponenti jirriserva d-dritt tieghu li jissoleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. Illi primarjament ukoll in-nullita tal-atti stante li I-esponenti huwa Andrea Stellato u mhux Andrea Stillato kif gie indikat fl-okkju tar-rikors;

4. Illi r-rikorrenti taghmel hafna enfessi ripetut illi I-Agenzija Appogg ghamlet rapporti minghajr ma semmiet min u li mhux mahluf izda ghandu jigi rilevat illi I-Agenzija

Appogg huwa mahtur bhala agenzija li joffri s-servizzi tieghu u li jzomm il-Qorti tal-Familja aggornata permess ta' noti perjodici u ser mai taghmel rakommondazzjonijiet li dejjem tkun fid-deskrizzjoni tal-Qorti jekk taqbel ma' dawn ir-rakmandazzjonijiet jew le;

5. llli l-esponenti jirrileva li din il-procedura kienet dejjem addotatta f'din il-kawza, fejn l-Agenzija Appogg tipprezenta nota perjodika fuq landament tal-access u wara l-Qorti tordna n-notifka ta' din in-nota lil partijet. Il-Qorti wara li tara n-nota u r-risposti tal-partijiet tghaddi biex taghti digriet u ghalhekk tkun semghet il-partijiet. (ara anness Dok. A li huwa identiku ghad-digriet li qieghed jigi ikkontestat). IIli aparti hekk qatt ma kien hemm tentattiv ta' Appell min-naha tar-rikorrenti u jezisti anke l-opportunita li l-partijiet jharku lil-persuna responsabbli tal-Agenzija Appogg sabiex tixhed jew issir kontra ezami waqt il-kawza. In oltre d-digrieti tal-Qorti tal-Familja huma temporanji u jista' jsir rikors mill-partijiet f’kull zmien sabiex tintalab varjazzjoni ta' digriet;

6. Illi l-esponenti kien fetah proceduri ta' medjazzjoni fl-2013 sabiex jkollu access ghal minuri ghax l-attrici ma halitux jara lil-minuri u minhabba li l-attrici proprju fl-ewwel risposta taghha oggezzjonat u ghamlet akkuzi foloz fil-konfront tal-esponenti minghajr mal-esponenti kellu opportunita jaghmel replika ghal din ir-risposta, il-Qorti permess ta' digriet datat 7 ta' Novembru 2013 ordnat iIli l-access jkun taht is-supervizjoni tal-Appogg;

7. Illi matul dawn l-erba’ snin ir-rikorrenti ghamlet serje ta' allegazzjijiet foloz u kwereli mal-pulizija kontra l-esponenti li spiccaw f’proceduri kriminali biex tipprova thammeg lil-esponenti u ccahhadlu l-access u taghmel diversi kawzi sabiex taghbih bil-piz finanzjarju biex tipprova taghmel pressjoni fuqu biex taqtaghlu qalbu;

8. Illi sahansitra kitbet ittri lil-Ministru Michael Farrugia datata 11 Awwissu 2016 fejn talbet investigazzjoni dwar it-tmexxija tas-supervizzjoni tal-Appogg;

9. Illi matul dawn it-tlett snin kien hemm diversi noti tal-Agenzija Appogg peress illi jzommu lil-Qorti aggornata dwar l-access u fin-nota datata 20 Gunju 2016, l-Agenzija Appogg gibdet l-attenzjoni tal-Qorti dwar l-imgieba negattiva da parti tal-omm li qed tkun ta' detriment ghall-minuri. U fil-fatt kienet irrikmandat illi jizdied l-access fit-weekend u jkun monitored u mhux supervised. Fil-fatt l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Settembru 2016 laqghet ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Agenzija Appogg (annessa u mmarkara bhala Dok. A);

10. llli l-verball tas-7 ta' Dicembru 2016 jaghmel referenza ghal qbiel li intlahaq bejn il-partijiet fejn l-access fil-weekend ma kienx ser jibqa' jalterna ruhhu kif kien qieghed jsir qabel, izda kien ser jibda jsir nhar ta' Hadd minkejja li nhar ta' Hadd ma jkunx hemm monitoring service mill-Agenzija Appogg u dan fuq sugeriment tal-istess rikorrenti (Dok. B);

11. ld-digriet li qieghda tikkontesta r-rikorrenti hija dwar l-access minghajr supervision ta' fost il-gimgha u ghax giet ordnata illi tiehu l-minuri ghal play therapy li saru r-rakomandazzjonijiet li huwa fl-interess tal-minuri u li sallum ir-rikorrenti ghada ma ottempratx ruhha ma dan id-digriet;

12. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti jisottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi huwa ma ghandhiex tigi assoggettata ghal-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat huwa wiehed null taht l-artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mhuwiex iffirmat minn avukat kif rikjest mill-artikolu 178 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, din il-kawza qieghda ssir inutilment peress illi l-procedura hija diretta biex timpunja l-frott ta' digriet moghti f'kawza ohra illi jista' jigi appellat skont il-procedura ordinarja dwar l-appelli mid-digrieti u ma hemm ebda htiega illi dwaru jinfethu proceduri separati.

3. Illi in vena preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu li r-rikors guramentat jikkoncerna l-procedura tal-prezentata tar-rapporti adottata mill-Agenzija Appogg u l-ezitu tal-proceduri odjerni jista' jimpingi direttament fuq l-ezercizzju tad-drittijiet taghha u l-proceduri minnha adottata, hija ghandha interess li tkun partecipi fil-kawza odjerna anke ghall-finijiet ta' integrita tal-gudizzju u ghaldaqstant ghandha tigi kjamata fil-kawza l-Agenzija Appogg ai termini tal-artikolu 961 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tiddikjara b'mod car x'inhi l-bazi tal-azzjoni taghha u fuq liema artikolu tal-ligi hija qieghda ssejjes it-talba taghha halli b'hekk l-esponent jkun f’qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb ghal din il-kawza. Kwindi f’dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti tindika taht liema disposizzjoni tal-ligi hija qieghda tesperixxi l-proceduri istanti.

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti regunijiet:

6. Illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) imxiet mad-dettami tal-ligi tal-procedura u dan stante li l-istess Qorti ma hatret l-ebda espert izda bid-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2013 fl-atti tal-Medjazzjoni 766/13 irregolat il-modalitajiet ta' kif ghandu jsir l-access. Illi bl-imsemmi digriet, il-Qorti ordnat 'illi ghal issa r-rikorrenti jara liI ibnu darbtejn fil-gimgha ghal siegha kull darba, taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg fil-granet u hinijiet li jigu ffissati mill-Agenzija Appogg'.

7. Illi jigi rilevat ukoll li fid-digriet tas-7 ta' Novembru 2013 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ma pprovdiet l-ebda termini ta' nomina ghall-espert u wisq anqas ma identifikat isem specifiku ta' espert li kellu jinhatar izda biss irregolat li l-access ghandu jkun wiehed supervizjonat mill-Agenzija Appogg.

8. Illi b'dan il-digriet il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kienet qed tizgura li l-access tal-minuri mill-missier jkun wiehed lanqas trawmatiku, sabiex jigi zgurat li ma jkun hemm l-ebda hsara fuq il-minuri u sabiex jigi salvagwardjat l-interess suprem tal-istess minuri.

9. Illi l-Agenzija Appogg taghmel l-osservazzjonijiet taghha waqt l-access u tghaddi biex tinforma lill-Qorti bl-andament tal-istess access u fejn tinhass il-htiega, l-Agenzija taghmel ir-rakkomandazzjoniet taghha. In segwietu ghal dan, il-partijiet ikollhom l-opportunita jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fuq dak li jkun gie irrakkomandat mill-Agenzija Appogg. Sussegwentament, il-Qorti tista' tghaddi biex tilqa' dawk ir-rakkomondazzjonijiet jew tichadhom.

10. Illi fil-kaz de quo, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet tas-17 ta' Mejju 2017 laqghet ir-rakkomandazzjonijiet tal-imsemmija Agenzija.

11. Illi stante li l-irwol tal-Agenzija Appogg huwa wiehed ta' moniteragg waqt l-access ma tistax tigi kkunsidrata bhala espert tal-Qorti u ghalhekk l-istess Agenzija mhijiex soggetta ghall-procedura addotata fir-rigward tal-esperti.

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' Andrea Stellato u l-Avukat Generali fejn eccepew ulterjormant lli jonqos fl-attrici l-interess guridiku li tkompli bil-kawza in segwitu ghad-digriet tal-Qorti tal-Familja tal-24 ta' Awwissu 2017 li regget lura l-access tal-missier ghal dak li kien qabel id-digriet tas-17 ta' Mejju 2017 li fuqu hi msejsa l-kawza.

Rat l-atti u senjatament is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti tal-4 ta' Dicembru 2017 li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti dwar in-nulita tal-kawza;

Rat l-ahhar verbal quddiem il-Qorti tat-23 ta' April 2018 fejn l-attrici cediet il-kawza fil-mertu stante li l-mertu tal-kawza odjerna gie ezawriet bid-digriet tal-24 ta' Awwissu 2017 pero zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Rat li fl-istess verbal il-konvenuti opponew li jbatu xi spejjez ta' din il-kawza billi fost ohrajn jissottomettu illi l-kawza odjerna hi prematura u seta' sar rikors ghar-revoka kif fil-fatt sar quddiem il-Qorti tal-Familja;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidrat**

Ghalkemm bhala principju il-parti telliefa ghandha thallas l-ispejjez pero din mhix regola inflessibbli u kull kaz irid jitqies fl-isfond partikolari tieghu. Hekk ukoll f'kaz ta' cessjoni ta' kawza l-Qorti trid tqis in-natura tac-cessjoni u r-raguni ghaliha. Din il-Qorti ma ghandhiex tisthareg mertu ta' kawza meta l-mertu gie cedut pero ladarba l-partijiet ma waslux fi ftehim fuq il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti bil-fors trid tidhol fl-isfond ta' dak li wassal ghal kawza u r-raguni ghac-cessjoni tal-mertu biex tasal ghal fehma studjata dwar min ghandu jbati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Bhala sfond ghal din il-kawza jidher illi l-attrici giet rinfaccjata b'digriet tal-Qorti tal-Familja tas-17 ta' Mejju 2017 fen wara rapport tal-Agenzija Appogg fuq l-andament tal-access akkordat lil missier il-Qorti varjat l-access tal-konvenut b'mod li sar bla supervizjoni.

L-attrici fethet din il-kawza fit-22 ta' Gunju 2017 fejn id-digriet tal-Qorti tal-Familja kien ghadu in vigore. Hi bbazat il-kawza fuq il-premessa li dan it-tip ta' digriet tal-Qorti tal-Familja ma kienx hemm appell minnu u ghalhekk seta biss jigi impunjat b'kawza quddiem din il-Qorti fuq kwistjoni legali cioe n-nuqqas ta' osservanza tal-principju ta' gustizja naturali u l-legalita procedurali u sostantiva tal-istess digriet.

Il-konvenut laqghu ghal din il-kawza fil-mertu ta' dak li hu r-rwol tal-Agenzija Appogg fi kwistjonijiet quddiem il-Qorti tal-Familja, u punti ohra dwar il-mertu tal-kwistjonijiet familjari bejn il-kontendenti.

Jidher li fil-31 ta' Lulju 2017 gie prezentat rikors mill-attrici fil-Qorti tal-Familja u regghet tablet li l-access tal-missier ikun taht supervizjoni u dana minhabba episodju partikolari li sehh fit-28 ta' Lulju 2017 waqt l-access ezercitat mill-missier bla supervizjoni. B'digriet tal-24 ta' Awwissu 2017 il-Qorti laqghet it-talba wara li rat ir-rapport tal-avukat tat-tfal, u ordnat notifika lil Agenzija Appogg.

Kontrarjament ghal dak li sostniet wahda mill-konvenuti, ma kien hemm ebda revoka tad-digriet tas-17 ta' Mejju 2017 fuq talba tal-attrici ghal xi raguni remotement kompatibbli mar-ragunijiet li ghalihom saret il-kawza. Ir-raguni tad-digriet tal-24 ta' Awwissu 2017, cioe wara li saret il-kawza, kien episodju li nqala' wara li nfethet il-kawza u li xprunat lil attrici titlob access taht supervizjoni minhabba tali episodju. Il-Qorti tal-Falmilja accediet ghal din it-talba. Tali digriet ma kien bl-ebda mod konness la mid-digriet tas-17 ta' Mejju 2017 jew il-kawza quddiem din il-Qorti li nbdiet fit-22 ta' Gunju 2017. Id-digriet ta' Awwissu inghata f'cirkostanzi differenti pero kellu l-effett li regga' l-istat ta' fatt dwar l-access tal-konvenut ghal dak li kien qabel id-digriet tas-17 ta' Mejju 2017. Dan zgur ma tahtix ghalih l-attrici.

Ma hemm ebda eccezzjoni fis-sens li l-procedura addottata mill-attrici quddiem il-Qorti ma kinitx idonea u setghet uzufruiet ruhha minn proceduri ohra biex tbiddel id-digriet tas-17 ta' Mejju 2017. Ma jkunx prudenti li din il-Qorti tindaga fuq kwistjoni mhux imqajma mill-partijiet. L-unika eccezzjoni preliminari ta' rilevanza kienet dwar in-nullita tal-kawza li giet michuda b'sentenza preliminari ta' din il-Qorti. Bl-istess mod it-talba ghal kjamata fil-kawza tal-Agenzija Appogg fir-risposta guramentata tal-Avukat Generali ma gietx segwita minn ebda parti.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-attrici ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-konvenuti ghal cirkostanza estraneja mill-kawza li regghet lil kontendenti ghall-istat ta' fatt precedent s-17 ta' Mejju 2017. B'danakollu d-dritt o meno tal-attrici fil-mertu ma giex mistharreg billi l-attrici cediet il-mertu ghax minhabba c-cirkostanzi naqas fiha l-interess guridiku necessarju biex tipprosegwi fil-kawza. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-partijiet ghandhom ibatu l-ispejjez sopportati minnhom fil-kawza b'dan li l-ispejjez tas-sentenza preliminari ghandhom ibatuhom il-konvenuti fi kwota indaqs.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza billi din giet ceduta mill-attrici fis-seduta tat-23 ta' April 2018, u kull parti thallas l-ispejjez inkorsi minnha hlief dawk konessi mas-sentenza

preliminari tal-4 ta' Dicembru 2017 li ghandhom jithallsu mill-konvenuti fi kwoti indaqs.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur